

## APPLICATION PROCEDURE

### **PROCĊEDURA TAL-APPLIKAZZJONI**

Sabiex l-applikazzjonijiet **ikunu validi**, il-kandidati jeħtiġilhom jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni ERA mimlija kif xieraq sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. **Il-kandidati li għandhom lawrji/diplomi mhux tal-UE huma mitluba jibagħtu verżjonijiet skennjati tal-lawrji/tad-diplomi tal-UE vvalidati flimkien mal-applikazzjoni tal-ERA tagħhom. Nuqqas ta' konformità mal-istruzzjonijiet jirriżulta fl-esklużjoni mill-proċedura tal-għażla.**

Minħabba li l-lingwa ta' ħidma tal-Aġenzija hija l-Ingliż, il-kandidati huma mħeġġa sabiex japplikaw bl-Ingliż sabiex jiffaċilitaw il-proċess tal-għażla.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' email lill-indirizz elettroniku [jobs@era.europa.eu](mailto:jobs@era.europa.eu) sa mhux aktar tard mill-**XX/XX/202X** f'23.59 CET (ħin lokali ta' Valenciennes), **filwaqt li jindikaw b'mod ċar in-numru ta' referenza tas-sejħa għall-applikazzjonijiet fil-linja tas-suġġett.**

Jekk jogħġbok innota li l-applikazzjonijiet sottomessi b'faks jew bil-posta ma humiex se jiġu kkunsidrati.

Jekk fi kwalunkwe stadju fil-proċedura, jiġi stabbilit li l-informazzjoni pprovduta mill-kandidat hija żbaljata, il-kandidat inkwistjoni jista' jiġi skwalifikat.

Huwa pprojbit li l-kandidati jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri tal-Kumitat tal-Għażla, jew li xi ħadd jagħmel dan f'isimhom. L-Awtorità Awtorizzata sabiex Tikkonkludi l-Kuntratti b'delega (minn hawn 'il quddiem l-AACC) tirriżerva d-dritt li tiskwalifika lil kwalunkwe kandidat li jinjora din l-istruzzjoni.

Se tiġi stabbilita lista ta' riżerva li se tkun valida għal sentejn mid-data tal-għeluq tal-proċedura tal-għażla. Il-validità tal-lista ta' riżerva tista' tiġi estiża jekk l-AACC tiddeċiedi dan. Il-lista ta' riżerva tista' tintuża għar-reklutaġġ għal karigi oħrajn li għandhom l-istess profil ta' FG u grad bħal dak deskritt hawn fuq.

**Jekk jogħġbok innota li minħabba n-numru kbir ta' applikazzjonijiet li nistgħu nirċievu sad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni, jista' jkun li s-sistema tiffaċċja problemi sabiex tipproċessa ammonti kbar ta' data. Għalhekk, l-applikanti huma mħeġġin jibagħtu l-applikazzjoni tal-ERA tagħhom ferm aktar qabel mid-data tal-iskadenza.**

**Importanti:** Id-dokumenti ta' sostenn (eż. kopji ċċertifikati ta' lawrji/diplomi, provi ta' esperjenza, eċċ.) ma GħANDHOMX jintbagħtu f'dan l-istadju iżda għandhom jintalbu fi stadju tal-proċedura aktar tard. L-ebda dokument mhux se jintbagħat lura lill-kandidati.